MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 590/2010

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Andrew Vassallo**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali fl-10 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla datat 25 ta' Jannar 2010, l-intimat kien ġie inibit milli jkompli jibni u jagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond 122, Virginia, St Anthony Street, Fgura kif ukoll milli jiftaħ twieqi fuq il-fond tal-konjuġi Martin u Leslie Mercieca;

2. Illi, fl-4 ta’ Marzu 2010, l-intimat, kif ammetta huwa stess *ex admissis* quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fix-xhieda tad-9 ta’ Marzu 2010, neħħew il-*bricks* u fetħu l-aperturi tat-twieqi illi fuqhom inħareġ il-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 113/2010;

3. Illi permezz ta’ rikors datat 5 ta’ Marzu 2010, dana kollu inġieb a konjizzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti illi kienet qed tisma’ l-proċeduri tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, liema Qorti għaddiet biex tisma’ l-partijiet dwar tali rikors fid-9 ta’ Marzu 2010, kopja tar-rikors u tal-atti relattivi, inkluż ix-xhieda, qedgħin jiġu hawn esebiti u mmarkati bħala Dok A;

4. Illi, permezz ta’ digreit datat 24 ta’ Marzu 2010, hawn esebit u mmarkat Dok B, il-Qorti għaddiet biex ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jistitwixxi proċeduri għall-disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti kontra l-intimat Andrew Vassallo;

5. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, jgħid l-intimat għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportun:

1. Issib lill-intimat ħati ta’ disprezz kontra l-Awtorita’ tagħha *ai termini* tal-Artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannaha għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew għall-multa u priġunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimat *ai termini* ta’ l-Artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimati;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Andrew Vassallo, ppreżentata fil-11 ta' Ottubru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-eċċipjenti jissottometti li l-azzjoni da parti tiegħu ma saritx b'sens ta' disrispett lejn l-Awtorita' tal-Ewwel Onorabbli Qorti, iżda ġenwinament saret sabiex jiġi eliminat possibbli periklu strutturali;

2. Illi effettivament l-eċċipjenti *ex admissis* ammetta dan il-fatt quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010.

3. Illi *di piu*, u mingħajr preġudizzju għal premess, illum il-ġurnata l-mertu tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni ġie *ormai* eżawrit, *stante* li l-eċċipjenti u r-rikorrenti konjuġi Mercieca li ntavolaw il-mandat promotur ssorvolaw kwalunkwe pendenzi bejniethom.

4. Illi in vista tal-premess, għandu jkun hemm temperament fil-piena ladarba din l-Onorabbli Qorti tgħaddi sabiex tippronunċja l-ġudizzju.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-konvenut;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż fuq talba tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża ġiet istigata minn rikors ta' Martin u Leslie Mercieca in segwitu għal mandat ta' inibizzjoni li kien inħareġ fil-konfront tal-konvenut. Jirriżulta pero' mill-provi li sussegwentement il-konvenut ottompera ruħu mad-digriet u għalaq it-twieqi in kwistjoni. Madankollu huwa ċar li l-proċeduri ġew inizjati minħabba li hu kien fetaħhom qabel u għalhekk għandu jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż biss *stante* li l-mertu huwa issa eżawrit.

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża u kwindi tat-tlett talbiet tal-attur, tikkundanna pero' lill-istess konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------